22 ta' Ottubru, 1951

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Joseph Tonna** *versus* **Joseph Bonavia**

**Atti Ġudizzjarji — Ċitazzjoni — Sentenza — Spejjeż — Nullità — Korrezzjoni — Appell — Liberazzjoni "Ab Observantia".**

*L-atti ġudizzjarji li għandhom x'jaqsmu ma' kawża fejn l-isem tal-konvenuta, mara miżżewġa, hija ndikata bħala l-mara ta' raġel li*

*ismu huwa ndikat ħażin f'dawk l-atti, huma kollha nulli, u nulla hija wkoll is-sentenza mogħtija fuq dawk l-atti.*

*Dan l-iżball fl-indikazzjoni ta' l-isem ta' dak ir-raġel ma jistax jiġi korrett f'sede ta' l-appell; u għalhekk, meta sentenza simili tiġi appellata, ikun hemm lok li tiġi revokata dik is-sentenza u li l-konvenuta tiġi liberata "ab observantia".*

Il-Qorti — Rat ċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (nru. 931/1950), li biha l-attur talab illi, wara li tiġi magħmula kull dikjarazzjoni meħtieġa u meħud kull provvediment opportun; il-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £239. 9. 6, prezz ta' mobili minnha ordnati u lilha konsenjati f'Marzu 1950. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Ottubru 1950 u dawk tal-mandat tas-sekwestru tas-17 ta' Novembru 1950, u bl-imgħax legali min-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-11 ta' Diċembru 1950, li biha ġew akkolti d-domandi ta' l-attur; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni tal-konvenuta, fejn talbet illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi tiġi akkolta l-eċċezzjoni ta' l-intempestività u liberata l-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; u f'każ kuntrarju, tiġi miċħuda t-talba ta' l-attur;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi l-appellanti fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti (fol. 62) qalet li isem żewġha huwa "Salvatore", u mhux "Giuseppe" kif jinsab indikat fl-atti kollha preċedenti, kompriżi l-att taċ-ċitazzjoni, is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u l-petizzjoni quddiem din il-Qorti. Minħabba dak l-iżball, bin-nota tat-18 ta' Ottubru 1951, u bil-verbal tal-lum, ġiet mogħtija formalment l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Illi minħabba l-imsemmi żball l-appellanti tinsab indikata ħażin bħala l-mara ta' Giuseppe Bonavia, mentri żewġha jismu Salvatore Bonavia. F'każ identiku in re "Antonia Balzan vs. Dr. Vassallo ne." (Kollez., Vol. XXV, P. I, paġ.

338) din il-Qorti rriteniet li ma kienx possibili li ssir il-korrezzjoni ta' l-isem tar-raġel ta' l-attriċi f'din l-istanza, u lliberat il-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju (ara wkoll f'każ konformi s-sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar 1951 in re "D'Alfonso vs. Oliver");

*Ikkunsidrat;*

Illi minħabba li l-appellanti ġiebet 'il-quddiem dik l-eċċezzjoni f'din l-istanza, u minħabba ċ-ċirkustanzi l-oħra riżultati fil-kawża, hemm lok ta' temperament tal-kap ta' l-ispejjeż fis-sens infraskritt;

Għaldaqshekk;

*Tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni*, fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fil-11 ta' Diċembru 1950, u tillibera lill-konvenuta appellanti mill-osservanza tal-ġudizzju; u tordna li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza jitħallsu mill-attur appellat, u dawk ta' din l-istanza mill-konvenuta appellanti.